MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 3/2013/1

***Bank of Valletta p.l.c.***
***v.***
**Raymond Buhagiar u Filomena Buhagiar**

1. Dan huwa provvediment fuq rikors magħmul minn *Bank of Valletta p.l.c.* [“ir-Rikorrenti”] taħt l-art. 266 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għall-esekuzzjoni provviżorja ta’ sentenza li ma hijiex ġudikat.
2. Wara bejgħ *sub hasta* fl-14 ta’ Jannar 2003 il-fondi numru sittax u sbatax (16 u 17) fi Triq is-Siġġiewi, Ħaż Żebbuġ ġew liberati favur ir-Rikorrenti. Billi dawn il-fondi kienu okkupati mill-intimati Buhagiar [“l-Intimati”] u dawn

baqgħu ma żgumbrawx minnhom, ir-Rikorrenti bir-rikors maħluf numru 30/2011 talbu l-iżgumbrament tagħhom, u din it-talba ntlaqgħet b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April 2012.

3. Din is-sentenza iżda għadha ma hijiex ġudikat għax l-Intimati appellaw minnha b'rikors tas-17 ta' Mejju 2012 u l-appell għadu ma nqatax.

4. Bir-rikors li dwaru qiegħed jingħata dan il-provvediment tallum ir-Rikorrenti talab l-esekuzzjoni provviżorja tas-sentenza taħt l-art. 266 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għal raġunijiet li ġew minnu mfissra hekk:

"… kif jirriżulta mill-istess rikors tal-appell, il-konvenuti ma għandhom l-ebda aggravji fondati fil-fatt jew fid-dritt biex jopponu it-talba attriċi u/jew iħossuhom aggravati bis-sentenza mogħtija mill-ewwel onorabbli qorti. Jiġi umilment sottomess illi l-hekk imsejħa "aggravji tal-appell" ma huma aggravji xejn, *stante* illi kif sewwa qalet l-ewwel onorabbli qorti, il-konvenuti ma ġabu l-ebda prova biex ixejnu il-fondatezza tat-talbiet attriċi.

"Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, jiġi umilment sottomess illi huwa att ta' disrispett lejn il-qrati illi l-konvenuti appellanti jsostnu illi huma kellhom xi dritt illi jibqgħu jokkupaw l-istess fond għaliex kienu qegħdin fi trattativi mal-bank biex jixtru lura dan il-post, meta mill-atti jirriżulta illi tali trattativi kienu fallew żmien ilu u *ad ogni modo* din ma hijiex raġuni illi tintitola lill-konvenuti illi jżommu l-pussess tal-istess fond, imma *se mai,* kieku ġenwinament riedu jixtru l-post, dan ma kienx ostakolu li huma jiżgumbraw u jagħtu l-pussess lis-soċjetà esponenti sakemm huma jaslu biex jergħu jixtru lura l-post. Li jgħidu però l-konvenuti appellanti, li baqgħu jokkupaw il-post sakemm jaslu f'xi ftehim mal-bank biex jaslu jixtru lura dan il-post, bir-rispett kollu la hija raġuni valida fil-liġi u lanqas tagħmel ġieh lill-istess konvenuti illi jgħidu tali spropoziti.

"Illi jiġi umilment sottomess illi r-rikors tal-appell minnu nnifsu jindika l-attitudni li biha seta' sar dan l-appell u *cioè* illi l-konvenuti ma kinux kuntenti illi jżommu f'idejhom, mingħajr ebda titolu, l-imsemmi fond għal aktar minn disa' (9) snin, imma issa jippretendu illi bis-saħħa taż-żmien illi neċessarjament irid jittieħed sakemm jiġi appuntat dan l-appell, huma ikunu jistgħu jkomplu jipperpetwaw din l-

okkupazzjoni illegali u dannuża tagħhom tal-imsemmi fond.

"Illi jiġi umilment sottomess għalhekk li d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti, tat-30 t'April 2012, ser jibqa' jarreka lis-soċjetà bankarja appellata preġudizzju akbar milli tarreka lill-konvenuti appellanti li jobdu l-istess sentenza u dan għaliex is-soċjetà esponenti qiegħda kuljum tkun imċaħħda minn ħwejjiġha, li akkwistat fis-sena 2003, b'danni konsistenti f'telf ta' kirjiet u dan sakemm il-konvenuti jibqgħu jokkupaw dan l-istess fond mingħajr titolu, illegalment u abużivament bis-sempliċi espedjent li jistennew iż-żmien biex dan l-appell jinstema' u fil-frattemp jużufruwixxu mill-proprjetà tal-bank esponent b'mod inġustifikat."

5. Fir-rikors tiegħu r-Rikorrenti effettivament qiegħed jistieden lil din il-qorti tqis il-meritu tal-appell meta dak li jrid l-art. 266 huwa illi l-qorti tara tkunx "soddisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob dikjarazzjoni [li s-sentenza tkun esegwibbli provviżorjament] milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja".

6. Fil-każ tallum, sewwa qalu l-Intimati fit-tweġiba tagħhom illi aktar sejrin iġarrbu preġudizzju huma jekk jiġu żgumbrati mill-post fejn joqogħdu – minħabba l-iskomodu tal-ġarr u biex isibu post ieħor fejn joqogħdu, u l-iskomodu li jġorru lura jekk jirbħu l-appell – milli jista' jġarrab ir-Rikorrenti bid-dewmien, waqt illi r-Rikorrenti ma wera ebda ħtieġa urġenti li jingħata l-pussess tal-fond minnufih.

7. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba tar-Rikorrenti għall-esekuzzjoni provviżorja tas-sentenza tat-30 ta' April 2012. Tipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali fuq l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------